Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Awwissu 2025**
**(OR. en)**

**12050/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0246 (COD)**

**STATIS 58**
**PECHE 228**
**IA 103**
**CODEC 1113**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 30 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 435 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1921/2006, (KE) Nru 762/2008, (KE) Nru 216/2009, (KE) Nru 217/2009 u (KE) Nru 218/2009 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 435 final.

Mehmuż: COM(2025) 435 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2025
COM(2025) 435 final

2025/0246 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1921/2006, (KE) Nru 762/2008, (KE) Nru 216/2009, (KE) Nru 217/2009 u (KE) Nru 218/2009

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2025) 224 final} - {SWD(2025) 232 final} - {SWD(2025) 233 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Mill-bidu tal-Komunità Ekonomika Ewropea fil-ħamsinijiet, il-Eurostat ilu jipprovdi statistika Ewropea dwar is-sajd[1] b'rabta mal-qabdiet tal-ħut, il-ħatt l-art, il-flotta tas-sajd tal-Unjoni u l-akkwakultura, li hija meħtieġa għall-attivitajiet tal-UE. Din l-istatistika bħalissa hija koperta minn ħames atti legali li jmorru lura għas-snin disgħin b'riformulazzjonijiet fis-snin elfejn[2]. Ir-regolamenti jistabbilixxu, fost affarijiet oħra, il-varjabbli statistiċi, iż-żoni tas-sajd koperti[3], il-perjodi ta' referenza, l-iskadenzi tat-trażmissjoni u l-kriterji tal-kwalità statistika.

Meħtieġa statistika Ewropea uffiċjali rilevanti, affidabbli, komprensiva u puntwali għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea relatati mas-sajd. Dik l-istatistika meħtieġa, b'mod partikolari, għal dawn li ġejjin: (i) il-konservazzjoni tal-politiki tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; (ii) il-politika komuni tas-sajd (PKS)[4], li tinkludi l-akkwakultura; (iii) u l-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar, pereżempju, l-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, ir-reġjuni, is-saħħa pubblika, is-sikurezza alimentari u l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Dik l-istatistika tintuża wkoll għall-monitoraġġ tal-impatt tas-sajd fuq speċijiet u ħabitats sensittivi, u tal-akkwakultura fuq il-kwalità tal-ilma.

---

[1] Kun af li għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt, intuża t-terminu "sajd" (fishery). Madankollu, sabiex jiġi allinjat mal-politika komuni tas-sajd, jintuża t-terminu "sajd" (fisheries).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' data ta' l-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91, ĠU L 403, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1921/oj; Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri ta' l-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/762/oj; Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (Tfassil mill-ġdid), ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/216/oj; Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid), ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/217/oj; Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid), ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/218/oj.

[3] Ir-regolamenti dwar l-istatistika Ewropea tas-sajd b'rabta mal-qabdiet, bħalissa jkopru seba' żoni tas-sajd tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO, Food and Agriculture Organization) qrib l-UE: 21 – il-Majjistral tal-Atlantiku, 27 – il-Grigal tal-Atlantiku, 34 – il-Lvant Ċentrali tal-Atlantiku, 37 – il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed, 41 – il-Lbiċ tal-Atlantiku, 47 – ix-Xlokk tal-Atlantiku, u 51 – il-Punent tal-Oċean Indjan.

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.

L-istatistika Ewropea dwar is-sajd isservi bħala bażi għal ġabriet oħra ta' data, bħall-qafas għall-ġbir tad-data (DCF, data collection framework)[5], u hija rilevanti għall-produzzjoni sostenibbli tal-ikel, speċjalment fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

F'dawn l-aħħar snin, ir-riformi tal-PKS u l-inizjattivi l-ġodda tal-UE ġġeneraw talbiet ġodda għad-data. Barra minn hekk, l-għadd ta' sorsi ta' data amministrattiva u oħrajn għall-ġbir tal-istatistika dwar is-sajd kiber. Hemm ukoll trikkib bejn il-flussi tad-data dwar is-sajd mill-Istati Membri tal-UE għal dipartimenti differenti tal-Kummissjoni Ewropea, u għal diversi organizzazzjonijiet internazzjonali. Meħtieġ att legali ġdid biex jingħelbu dawn l-isfidi.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura (EFAS, European fisheries and aquaculture statistics) għandha l-għan li ttejjeb ir-rilevanza tagħha billi tissodisfa b'mod aktar effettiv il-ħtiġijiet tal-utenti. L-EFAS: (i) tespandi l-kopertura statistika, pereżempju, dwar l-akkwakultura organika u l-istabbilimenti tal-akkwakultura tal-UE; (ii) tnaqqas il-volum ta' data kunfidenzjali; u (iii) tindirizza kwistjonijiet ta' kwalità fid-data rrapportata. Barra minn hekk, f'konformità mal-prijorità tal-UE dwar is-simplifikazzjoni, l-EFAS tissostitwixxi ħames regolamenti eżistenti b'wieħed, u tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri.

Aspett innovattiv ewlieni tal-EFAS huwa l-użu ta' bażijiet ta' data eżistenti, stabbiliti mid-dritt tal-UE u disponibbli għall-Kummissjoni, sabiex tiġi prodotta statistika Ewropea uffiċjali dwar il-qabdiet u l-flotta tas-sajd tal-Unjoni, u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri. Dan l-approċċ jippermetti wkoll li tiġi prodotta statistika ġdida dwar il-qbid skartat, dwar is-sajd rikreattiv u dwar l-impatt tal-qabdiet fuq speċijiet sensittivi, mingħajr ma jiġi impost piż addizzjonali fuq ir-rispondenti.

Barra minn hekk, l-EFAS tfasslet sabiex tqis ir-rekwiżiti tad-data ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin, bħall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development), kif ukoll organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd. Il-proposta tippermetti lill-Eurostat jittrażmetti d-data f'isem l-Istati Membri lil dawn l-organizzazzjonijiet, u b'hekk tnaqqas id-duplikazzjoni tal-isforzi u ttaffi l-piż amministrattiv assoċjat ma' obbligi multipli ta' rapportar.

L-inizjattiva hija parti mill-programm REFIT[6] u għandha l-għan li ttejjeb il-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni sottostanti filwaqt li tnaqqas il-piżijiet u l-kostijiet relatati. Il-kost totali stmat tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd huwa madwar EUR 5,6 miljun fis-sena għas-27 Stat Membru tal-UE u għall-Kummissjoni Ewropea, li minnhom madwar 5 % jiġġarbu mill-Kummissjoni Ewropea. Il-proposta leġiżlattiva hija stmata li tnaqqas il-kostijiet għall-ġbir tad-data dwar il-qabdiet b'EUR 1,2 miljun fis-sena.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

5 Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (riformulazzjoni); ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1004/oj.

6 REFIT - Il-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għandu l-għan li jiżgura li l-liġijiet tal-UE jagħtu riżultati fir-rigward tal-objettivi tagħhom b'kost minimu għall-benefiċċju tal-individwi u tan-negozji.

Bħala l-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea, il-Eurostat huwa l-produttur tal-istatistika uffiċjali Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura b'rabta mal-qabdiet, il-ħatt l-art, il-flotta tas-sajd, u l-produzzjoni tal-akkwakultura.

L-EFAS hija marbuta ma' atti legali oħra, bħar-Regolament dwar il-PKS, ir-Regolament dwar il-Kontroll,[7] li ġie emendat dan l-aħħar[8], id-DCF[9], ir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni[10] u r-Regolament dwar il-produzzjoni organika[11]. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet użati fil-proposta huma konsistenti ma' dawk tal-atti legali msemmija hawn fuq, li jiżguraw qafas legali koeżiv u komprensiv għall-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura u l-politiki tal-UE f'dan il-qasam. Huwa kruċjali li din il-proposta leġiżlattiva l-ġdida tikkonforma mill-qrib mad-definizzjonijiet u mal-metodoloġiji deskritti fir-Regolament dwar il-Kontroll sabiex tinżamm il-konsistenza u l-preċiżjoni.

Il-PKS tirregola s-settur tas-sajd fl-UE billi toħloq qafas li: (i) jagħti direzzjoni lis-settur; (ii) jistabbilixxi r-regoli għall-ġestjoni tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni; u (iii) ifittex li jiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali fit-tul tas-sajd Ewropew. Sabiex iwettqu dawn il-kompiti, l-awtoritajiet tas-sajd tal-Istati Membri tal-UE huma obbligati jiġbru data relatata mal-kontroll tas-sajd li tkopri l-katina kollha tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni (eż. il-qbid, il-ħatt l-art, it-trasport u l-ewwel bejgħ, kif ukoll data dwar l-isforz tas-sajd, il-karatteristiċi tal-bastimenti, il-liċenzji tas-sajd, eċċ.). Is-sorsi ewlenin tad-data jinkludu ġurnali ta' abbord, dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, dokumenti tat-trasport, noti tal-bejgħ, rapporti ta' spezzjoni, u rekords tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti. Id-data dwar il-qabdiet u l-flotta tas-sajd tal-Unjoni tiġi trażmessa lid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE). Data addizzjonali, eż. għall-monitoraġġ xjentifiku u ambjentali u għall-appoġġ tal-PKS, hija regolata mid-DCF u tiġi trażmessa liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea. Din id-data kollha, miġbura skont il-leġiżlazzjoni tal-UE u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, għandha l-potenzjal li terġa' tintuża sabiex tinġabar statistika Ewropea uffiċjali, u b'hekk jiġi implimentat il-prinċipju ta' "iġbor darba, uża diversi drabi".

---

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

8 Ir-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u (KE) Nru 1005/2008 u r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2017/2403 u (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd, ĠU L, 2023/2842, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2842/oj.

9 Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (riformulazzjoni), ĠU L 157, 20.06.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1004/oj.

10 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni, ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/218/oj.

11 Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj.

Il-Eurostat jipprovdi wkoll statistika Ewropea dwar is-sajd lill-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura (EUMOFA, European Market Observatory for Fisheries and Aquaculture Products)[12], servizz stabbilit mid-DĠ MARE sabiex jipprovdi informazzjoni dwar is-suq kull ġimgħa, kull xahar u kull sena lis-settur tas-sajd biex itejjeb l-ippjanar tal-produzzjoni u jżid il-produzzjoni. Barra minn hekk, il-Eurostat jipprovdi statistika Ewropea dwar is-sajd lin-Network Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODnet, European Marine Observation and Data Network)[13], li hija inizjattiva fit-tul dwar id-data marittima ffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd. L-EMODnet jużа data dwar il-qabdiet, il-ħatt l-art u l-akkwakultura u jippreżentaha b'mod koerenti u komparabbli permezz tal-portal tal-viżwalizzazzjoni online tiegħu[14].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-istatistika dwar is-sajd tappoġġa l-politika kummerċjali tal-UE, l-analiżi ekonomika u l-politika ambjentali. L-istatistika Ewropea dwar is-sajd hija sors ta' data rilevanti għall-ħtiġijiet ta': (i) utenti professjonali, bħal istituzzjonijiet ta' riċerka, organizzazzjonijiet tas-sajd nazzjonali, reġjonali u internazzjonali; u (ii) ridistributuri tad-data, li jużaw l-istatistika Ewropea dwar is-sajd bħala sors ta' referenza jew ta' validazzjoni għall-istatistika tagħhom stess, u għal skopijiet bħall-monitoraġġ u l-analiżi tas-suq fil-kuntest tal-EUMOFA.

Biex tagħti spinta lill-kompetittività u tissalvagwardja l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li tnaqqas il-piżijiet regolatorji u li tissimplifika l-liġijiet tal-UE. L-istatistika għandha rwol kruċjali fit-tfassil u fil-monitoraġġ tal-politika, filwaqt li tallinja mal-objettiv ġenerali tal-Kummissjoni li jitnaqqsu l-piżijiet. Statistika ta' kwalità għolja tinforma d-deċiżjonijiet ta' politika billi tgħin lill-Kummissjoni Ewropea tidentifika oqsma fejn it-tnaqqis tal-piż jista' jkollu l-akbar impatt. Tenfasizza wkoll l-opportunitajiet biex jiġu ssimplifikati l-proċessi, tiġi appoġġata s-simplifikazzjoni, u jiġu stmati l-impatti ekonomiċi u soċjali tar-regolamenti. Barra minn hekk, l-istatistika tgħin fil-valutazzjoni tal-effettività tar-regolamenti, tippermetti lill-Kummissjoni tirfina jew tħassar dawk li mhumiex meħtieġa jew li huma ta' piż eċċessiv, filwaqt li tikkonforma mal-għanijiet ta' din l-inizjattiva.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat)[15] jiddeskrivi l-kompetenza tal-UE f'li tadotta miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika fejn meħtieġ għat-twettiq tal-attivitajiet tagħha.

L-istatistika uffiċjali Ewropea hija essenzjali għall-monitoraġġ akkurat u indipendenti tal-PKS, qasam ta' politika fejn l-UE għandha kompetenza esklużiva għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar (l-Artikolu 3(d) tat-Trattat) u s-setgħa li tadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd (l-Artikolu 43(3) tat-Trattat). Tali statistika hija kruċjali biex jiġu żgurati l-ġestjoni u l-allokazzjoni ġusti, effiċjenti u effettivi tar-riżorsi tas-sajd, u biex jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat madwar l-Istati Membri.

12 https://www.eumofa.eu/.
13 https://emodnet.ec.europa.eu/en.
14 https://emodnet.ec.europa.eu/geoviewer/.
15 It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/tfeu_2012/oj.

• **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Is-sajd huwa sors naturali, rinnovabbli u mobbli ta' ikel. Fl-UE, dan huwa regolat minn politika komuni, il-PKS, b'regoli komuni adottati fil-livell tal-UE u applikati fl-Istati Membri kollha. L-objettivi primarji tal-PKS huma li tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tas-sajd u tal-akkwakultura minn perspettiva ambjentali, ekonomika u soċjali, filwaqt li tipprovdi sors stabbli ta' ikel tajjeb għas-saħħa u nutrittiv għall-Ewropej.

Politika komuni tas-sajd trid tkun ibbażata b'mod inerenti fuq statistika Ewropea uffiċjali komparabbli, f'waqtha u ta' kwalità għolja, li tista' tiġi żgurata biss b'azzjoni fil-livell tal-UE. Dan ma jistax jinkiseb mill-Istati Membri li jkunu qed jaġixxu waħedhom, iżda jista' jinkiseb biss b'approċċ komuni u kkoordinat. Il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura tipprovdi qafas madwar l-UE għall-ġbir tad-data u l-forniment ta' statistika dwar is-sajd u l-akkwakultura bl-użu ta' kunċetti u definizzjonijiet li huma armonizzati madwar l-Istati Membri kollha. Din timponi standards u metodoloġiji komuni li mhux biss jipproduċu riżultati komparabbli meħtieġa mill-PKS u politiki oħra tal-UE għall-finijiet ta' ġestjoni u analiżi, iżda wkoll itejbu l-effiċjenza, il-puntwalità u l-affidabbiltà.

Barra minn hekk, l-eżistenza ta' qafas legali tal-UE tiżgura mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità u d-disponibbiltà tal-metadata. Għal dawn ir-raġunijiet, il-fornituri nazzjonali tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-partijiet ikkonċernati istituzzjonali enfasizzaw l-importanza ta' bażi legali madwar l-UE kollha.

• **Proporzjonalità**

It-Taqsima 8 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tiddiskuti l-proporzjonalità. L-istrument magħżul – qafas legali ġdid u simplifikat għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd – huwa rispons proporzjonali biex jintlaħqu l-objettivi u jissolvew il-problemi deskritti hawn fuq. Dan kien meħtieġ minħabba li jipprovdi mod aħjar u aktar flessibbli biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti milli kienet tagħmel riforma leġiżlattiva u organizzazzjonali inqas komprensiva tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd. Barra minn hekk, il-qafas legali simplifikat il-ġdid għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd mhux se jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġi modernizzat il-ġabriet tad-data għall-qabdiet, għall-ħatt l-art, għall-flotta tas-sajd tal-Unjoni u għall-akkwakultura.

• **Għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa regolament ġdid li jistabbilixxi qafas legali simplifikat għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura. Din l-għażla hija preferibbli għal Direttiva jew għal strumenti mhux vinkolanti minħabba li l-istatistika uffiċjali Ewropea ta' kwalità għolja li hija komparabbli madwar l-Istati Membri minnha nnifisha tirrikjedi li l-aspetti tekniċi u d-dispożizzjonijiet ta' kwalità, pereżempju, jiġu allinjati. Regolament li jinkludi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni u delegati direttament applikabbli fl-Istati Membri huwa essenzjali biex jiġi żgurat li dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati. Dan l-approċċ jiggarantixxi l-komparabbiltà bejn l-Istati Membri filwaqt li jagħtihom il-flessibbiltà li jagħżlu s-sorsi tad-data tagħhom, sakemm dawk is-sorsi jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità deskritti fir-regolament propost.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Is-sistema kurrenti tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd ġiet evalwata fl-2019[16]. Il-konklużjoni ewlenija tal-evalwazzjoni kienet li l-istatistika Ewropea dwar is-sajd hija sors importanti ta' informazzjoni indipendenti u ta' kwalità għolja, li taqdi diversi tipi ta' ħtiġijiet tal-utenti marbuta mal-ġestjoni tas-sajd, mal-monitoraġġ tas-suq u mar-riċerka. Il-konsistenza interna tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd hija tajba u l-kostijiet tal-produzzjoni tagħhom huma baxxi minħabba li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-istatistika dwar il-qabdiet, il-ħatt l-art u l-akkwakultura tiġi kkumpilata bl-użu ta' data amministrattiva miġbura għall-finijiet tal-politika. L-istatistika Ewropea dwar is-sajd hija **effettiva** sakemm tintuża b'mod intensiv għal skopijiet ta' monitoraġġ tas-suq u hija utli għal organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-FAO.

Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni rrikonoxxiet li d-domandi għall-informazzjoni nbidlu, b'mod partikolari, minħabba r-riforma tal-PKS tal-2013. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni wriet li fis-settur tal-akkwakultura, tinġabar xi data iżda ma tiġix disseminata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità minħabba li s-settur għandu għadd limitat ta' kumpaniji speċjalizzati ħafna. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni kkonfermat li s-sistemi tad-data dwar is-sajd tal-UE u dawk globali jwasslu għal ineffiċjenzi billi jirrikjedu li kull pajjiż jirrapporta settijiet ta' data li jirkbu fuq xulxin iżda kemxejn differenti lil diversi organizzazzjonijiet.

Analiżi rigward jekk l-istatistika Ewropea dwar is-sajd hijiex konsistenti mad-data tar-Regolament dwar il-Kontroll żvelat xi diskrepanzi persistenti. Filwaqt li dawn għadhom żgħar b'mod ġenerali, huma sinifikanti fil-pajjiżi tal-Mediterran fejn il-flotta tas-sajd hija magħmula minn għadd kbir ta' bastimenti żgħar.

Bħala konklużjoni, l-evalwazzjoni sabet li l-PKS teħtieġ statistika tas-sajd ta' kwalità tajba li hija indipendenti u adattata għall-iskop tagħha, taqdi firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet tal-utenti u tidħol sew fl-ekosistema internazzjonali ġenerali tad-data dwar is-sajd.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-kategoriji ewlenin tal-partijiet ikkonċernati tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd huma:

- **il-fornituri tad-data**, jiġifieri s-sajjieda, il-produtturi tal-akkwakultura, eċċ., li jipprovdu data dwar is-sajd jew bħala data amministrattiva (eż. mill-ġurnali ta' abbord u mid-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art) jew fi stħarriġiet u fiċ-ċensimenti;
- **il-produtturi tad-data**, jiġifieri l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra li jiġbru u jipproċessaw id-data dwar is-sajd, u li jiġbru l-istatistika uffiċjali u jittrasmettuha lill-Eurostat u lil organizzazzjonijiet oħra;
- **l-utenti tad-data**:
  - l-*utenti istituzzjonali* huma dawk involuti direttament fit-tfassil tal-politika tal-UE fil-livelli tal-UE, internazzjonali u nazzjonali, kif ukoll fl-istituti nazzjonali tar-riċerka marbuta mad-DCF;
  - ir-*ridistributuri* tal-istatistika uffiċjali Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura li jikkondividu pubblikament prodotti ta' informazzjoni u għarfien ibbażati fuq l-istatistika Ewropea dwar is-sajd. L-EMODnet u l-EUMOFA huma identifikati bħala ridistributuri. Fil-livell internazzjonali, il-FAO, l-OECD u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ huma utenti istituzzjonali u, fl-istess ħin, ridistributuri;

[16] L-Evalwazzjoni tal-Istatistika Ewropea dwar is-Sajd, SWD(2019) 425.

- *utenti professjonali oħra* li jikkontribwixxu direttament jew indirettament għall-proċess tat-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE u jżidu l-valur għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd, pereżempju, b'analiżijiet xjentifiċi jew soċjoekonomiċi. Dawn jinkludu organizzazzjonijiet professjonali tas-sajd tal-UE, kunsilli konsultattivi, NGOs bi programmi marittimi, konvenzjonijiet tal-baħar, media tas-sajd speċjalizzata, universitajiet, istituti tar-riċerka, organizzazzjonijiet nazzjonali tas-sajd, organizzazzjonijiet tal-akkwakultura tas-settur privat u kumpaniji privati individwali;
- il-*pubbliku ġenerali u l-media* għandhom biss interess relattivament baxx fl-istatistika dwar is-sajd u influwenza limitata ħafna.

Għaldaqstant, l-istrateġija tal-konsultazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd iffokat fuq l-ilħuq ta' dawn il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati u wettqet firxa kbira ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni bejn l-2018 u l-2020. Dawn inkludew:

- *workshop* mal-Istati Membri dwar il-punti b'saħħithom, id-dgħufijiet, l-opportunitajiet u t-theddid tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd mill-perspettiva tal-istituti nazzjonali tal-istatistika;
- 16-il *intervista* fil-fond ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, pereżempju dawk li jfasslu l-politika u l-kontributuri għall-PKS, dwar l-użu, il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin kienu ridistributuri (jiġifieri organizzazzjonijiet li jirridistribwixxu l-istatistika Ewropea dwar is-sajd permezz tal-bażijiet tad-data tagħhom stess u jżidu informazzjoni minn pajjiżi jew oqsma oħra) u utenti professjonali regolari (organizzazzjonijiet li jeħtieġu statistika Ewropea dwar is-sajd biex iwettqu l-attivitajiet professjonali ewlenin tagħhom);
- sitt *studji* ta' *każijiet* nazzjonali u studju wieħed ta' każ tal-akkwakultura bejn il-pajjiżi biex jipprovdu ħarsa ġenerali u analiżijiet dettaljati ta' approċċi differenti għall-ġbir u l-kollaborazzjoni tad-data. L-għan tal-istudji tal-każijiet kien li tiġi pprovduta ħarsa ġenerali lejn l-istrutturi nazzjonali għall-ġbir tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u li dawn jiġu analizzati b'mod aktar dettaljat. Dawn servew ukoll bħala bażi għall-fehim ta' kif jiġu organizzati diversi kollaborazzjonijiet dwar id-data relatata mas-sajd fl-Istati Membri u kif jikkooperaw l-organizzazzjonijiet. Barra minn hekk, l-istudji tal-każijiet kellhom l-għan li janalizzaw kif l-utenti nazzjonali tad-data jużaw l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u li jivvalutaw jekk l-istatistika Ewropea dwar is-sajd hijiex qed tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom minn perspettiva nazzjonali. L-istudji tal-każijiet nazzjonali saru fid-Danimarka, fl-Irlanda, fil-Greċja, fi Franza, fl-Italja u fil-Polonja. Barra minn hekk, l-istudju ta' każ trasversali ta' appoġġ dwar l-akkwakultura, li ffoka b'mod partikolari fuq il-kwistjoni tal-kunfidenzjalità tad-data, kopra l-pajjiżi msemmija hawn fuq, kif ukoll il-Ġermanja;
- sar *stħarriġ online* bħala konsultazzjoni mmirata orjentata lejn l-esperti b'mistoqsijiet ġenerali u speċifiċi rigward l-istatistika Ewropea dwar is-sajd: l-utilità, il-faċilità tal-użu, il-kost tal-ġbir, il-kwalità statistika, l-effiċjenza, l-effettività u l-konsistenza tagħhom. Wieġbu 135 organizzazzjoni jew individwu minn 353 li ġew ikkuntattjati. Waslu tweġibiet mingħand 33 mis-36 pajjiż ikkuntattjati (inklużi l-Istati Membri, il-pajjiżi taż-ŻEE, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali);
- *konsultazzjoni pubblika* biex tinġabar informazzjoni minn utenti professjonali, individwi u partijiet ikkonċernati oħra dwar l-esperjenzi tagħhom bl-istatistika Ewropea dwar is-sajd. Għall-kwestjonarju wieġbu 24 rispondent.

Peress li l-valutazzjoni tal-impatt tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd segwiet immedjatament wara l-evalwazzjoni, użat mill-ġdid ħafna mill-evidenza miġbura għall-evalwazzjoni. Barra minn hekk, fl-2019-2020, organizzat konsultazzjonijiet speċifiċi mal-pubbliku ġenerali, l-esperti (l-utenti tad-data) u l-produtturi tad-data.

- Il-*konsultazzjoni tal-pubbliku ġenerali:* (i) iffokat fuq jekk l-istatistika Ewropea dwar is-sajd tissodisfax il-ħtiġijiet tar-rispondenti; u (ii) ippermettiet lir-rispondenti jikkummentaw dwar u jikklassifikaw l-objettivi u l-għażliet possibbli tal-valutazzjoni tal-impatt, u jagħtu feedback dwar l-impatti potenzjali tal-għażliet. Din irċeviet 15-il tweġiba, b'qafas legali simplifikat ġdid li qed joħroġ bħala l-għażla ppreferuta.
- Il-*konsultazzjoni tal-esperti* ffukat fuq il-ħtiġijiet tad-data u rċeviet 35 tweġiba. Ir-rispondenti taw tweġibiet dettaljati dwar: (i) il-ħtiġijiet tad-data tagħhom għall-qabdiet, għall-ħatt l-art u għall-akkwakultura; (ii) il-preferenzi tagħhom rigward il-frekwenza u l-puntwalità tad-data; u (iii) l-għanijiet li għalihom jużaw l-istatistika Ewropea dwar is-sajd (eż. analiżi tas-suq u tat-traċċabbiltà).
- Il-*konsultazzjoni tal-produtturi tad-data* saret matul il-laqgħa annwali tal-Grupp tad-Diretturi dwar l-Istatistika Agrikola u tas-Sajd (DGAS, Directors' Group on Agricultural and Fisheries Statistics). Għaliha attendew l-Istati Membri u l-pajjiżi taż-ŻEE kollha, kif ukoll xi pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali. L-objettiv kien li jiġu mifhuma l-impatti potenzjali tal-abbozzi tal-għażliet, jiġu proposti għażliet oħra, jiġu kklassifikati l-għażliet u jingħata kontribut għall-valutazzjoni tal-impatt.

Wara l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt, il-konsultazzjoni kompliet bl-attivitajiet li ġejjin:

- diversi *laqgħat strutturati,* li saru fl-2022 u fl-2023 ma' persunal istituzzjonali, organizzazzjonijiet tas-settur, rappreżentanti tal-Istati Membri, produtturi privati, organizzazzjonijiet settorjali u xjenzati;
- diversi *laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal*-istatistika dwar is-sajd tal-Eurostat u laqgħa waħda ddedikata tad-DGAS, li saret fl-2022 u fl-2023, kienu kruċjali għall-għażla tal-aktar opzjoni adegwata għall-użu fost l-approċċi tekniċi differenti u għall-irfinar tal-proċeduri metodoloġiċi. Fost l-oħrajn, rappreżentanti tal-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti[17] u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Bijomassa tal-Alka[18] ipparteċipaw f'dawn il-laqgħat.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni ġabret u użat id-diversi forom ta' għarfien espert estern enfasizzati fit-taqsima "konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati" hawn fuq sabiex tfassal u tiżviluppa l-leġiżlazzjoni Ewropea rigward l-istatistika dwar is-sajd. L-istituti nazzjonali tal-istatistika kellhom rwol kruċjali, fejn ikkontribwew bl-għarfien espert tagħhom billi pparteċipaw b'mod attiv fil-gruppi ta' ħidma regolari speċifiċi għad-dominju, fit-task forces, u fid-DGAS. Dawn il-laqgħat iffaċilitaw diskussjonijiet u skambji estensivi ta' fehmiet.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

---

17 https://unglobalcompact.org/.

18 https://www.eaba-association.org/en.

Fl-2021, twettqet valutazzjoni tal-impatt għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd u rċeviet opinjoni pożittiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fl-4 ta' Ġunju 2021[19]. Dawn id-dokumenti se jiġu ppubblikati flimkien mal-proposta legali u huma disponibbli fuq talba sa dak iż-żmien.

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament propost, ġew ikkunsidrati erba' għażliet.

1. Ix-xenarju bażi; jiġifieri l-kontinwazzjoni tal-istatistika Ewropea attwali dwar is-sajd.
2. Il-waqfien tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd.
3. Qafas legali ġdid u simplifikat għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd.
4. Bażi legali ġdida għall-akkwakultura u l-kumpilazzjoni ta' statistika oħra disponibbli dwar is-sajd minn sorsi amministrattivi fil-livell tal-UE; jiġifieri għażla ibrida bejn l-għażliet 2 u 3, li fiha l-istatistika tal-ħatt l-art ma titkompliex.

Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-impatt, ir-riżultati tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni u d-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, l-għażla ppreferuta kienet l-għażla 3; jiġifieri **qafas legali simplifikat ġdid għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd**. L-għażla ppreferuta kienet appoġġata mill-utenti ewlenin tad-data: id-dipartimenti tal-Kummissjoni Ewropea, l-OECD, il-FAO, il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar, diversi organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, maġġoranza kbira tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika responsabbli għall-istatistika dwar is-sajd fis-sistema statistika Ewropea (ESS, European statistical system) u maġġoranza tar-rispondenti għall-konsultazzjonijiet.

Din l-għażla twieġeb bl-aħjar mod għall-objettivi tal-programm REFIT billi tissimplifika u tirrazzjonalizza l-ħames atti legali li bħalissa jirregolaw l-istatistika Ewropea dwar is-sajd f'qafas legali koerenti wieħed. L-għażla ppreferuta tippermetti li r-rekwiżiti statistiċi jiġu allinjati b'mod flessibbli mal-ħtiġijiet tal-utenti li qed jevolvu relatati mat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PKS u l-politiki relatati tal-UE. Din tissostitwixxi wkoll l-approċċi attwali parzjalment mhux ikkoordinati u duplikati bi strateġija koerenti għall-Kummissjoni kollha u arkitettura mġedda għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura. Dan huwa importanti għat-twettiq effiċjenti tal-politika u għall-użu effiċjenti tar-riżorsi.

Barra minn hekk, l-għażla se twassal għat-tnaqqis tal-kostijiet u tal-piżijiet b'diversi modi. L-ewwel nett, se tnaqqas il-ġbir doppju tad-data għall-istatistika dwar il-qabdiet, peress li d-data tista' tittieħed direttament minn sorsi amministrattivi fil-livell tal-UE. Dan inaqqas il-kostijiet amministrattivi u tal-ġbir tad-data kif ukoll jiffranka l-ħin lil dawk li wieġbu, jiġifieri s-sajjieda. It-tieni, l-EFAS hija allinjata mal-ħtiġijiet tal-FAO, tal-OECD u tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd. Dan se jagħti lill-Istati Membri l-għażla li jippermettu lill-Eurostat jittrażmetti d-data, f'isimhom u bil-qbil tagħhom, lil dawk l-organizzazzjonijiet u, b'hekk, se jnaqqas diversi obbligi ta' rapportar. It-tielet, se jkun hemm aktar data disponibbli għall-utenti tad-data ladarba l-istruttura tad-data għall-akkwakultura tkun ġiet issimplifikata, u dan jirriżulta f'inqas data kunfidenzjali. Ir-raba', is-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' rapportar tad-data se tiffaċilita l-piż fuq il-fornituri tad-data u fuq il-produtturi tad-data.

L-għażla ppreferuta mistennija tagħmel l-istatistika Ewropea dwar is-sajd aktar rilevanti, peress li l-qafas legali l-ġdid jiġi aġġornat biex jirrifletti l-ħtiġijiet ġodda tal-utenti, bħal li ġej:

[19] L-Opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-4 ta' Ġunju 2021, ARES(2021)3681988.

- il-qabdiet totali, inklużi l-qbid skartat u s-sajd rikreattiv, b'informazzjoni dwar speċijiet sensittivi;
- il-ħatt l-art tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni globalment u dawk ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi fil-portijiet tal-UE;
- id-dimensjonijiet organiċi u reġjonali tal-akkwakultura.

Hemm ħtieġa dejjem akbar għal statistika Ewropea aktar dettaljata u f'waqtha biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' diversi inizjattivi tal-Kummissjoni, inklużi l-pjanijiet ta' azzjoni għall-produzzjoni organika, l-akkwakultura sostenibbli, ekonomija blu sostenibbli, l-iżvilupp tas-settur tal-algi, it-tranżizzjoni enerġetika fis-sajd u fl-akkwakultura u l-protezzjoni tal-ekosistema tal-baħar.

L-istatistika Ewropea dwar is-sajd issir aktar effettiva, peress li xorta tipprovdi l-**benefiċċji** eżistenti (eż. billi tkun punt uniku ta' servizz għal statistika dwar is-sajd u l-akkwakultura ta' kwalità għolja u komparabbli b'serje twila ta' żmien li tkun aċċessibbli għal kulħadd), kif ukoll qafas legali aktar sempliċi u simplifikat li jista' jintegra u jservi aħjar il-ħtiġijiet ġodda tal-utenti. It-tnaqqis tar-rapportar doppju permezz tal-allinjament tad-definizzjonijiet u l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-flussi tad-data jnaqqas ukoll id-diskrepanzi bejn sorsi differenti tad-data u għalhekk iżid l-affidabbiltà, l-akkuratezza u l-komparabbiltà internazzjonali tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd.

Il-**kostijiet** diretti ewlenin għall-partijiet ikkonċernati huma relatati mal-adattament tas-sistemi statistiċi u tekniċi fl-ESS. Dawn il-kostijiet tal-adattament mistennija jkunu marġinali. Minħabba l-użu aktar effiċjenti tad-data u l-flussi simplifikati tad-data, il-bażi leġali l-ġdida għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd mistennija twassal għall-iffrankar fil-kostijiet ta' madwar EUR 1,2 miljun kull sena (abbażi ta' kost totali stmat tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd ta' madwar EUR 5,6 miljun fis-sena għas-27 Stat Membru u għall-Kummissjoni Ewropea). L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom jibbenefikaw minn dan l-iffrankar fil-kostijiet, peress li parti mill-istatistika Ewropea dwar is-sajd tkun ikkumpilata direttament abbażi ta' data amministrattiva fil-livell tal-UE għall-PKS, u flussi multipli ta' data jiġu ssimplifikati f'waħda li tinkludi l-ħtiġijiet fil-livell tal-UE u dawk internazzjonali.

**L-impatt** ta' din l-inizjattiva **fuq l-SMEs u** fuq il-**kompetittività** huwa marġinali, peress li l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura huma kumpaniji żgħar jew ta' daqs medju li diġà meħtieġa jittrażmettu d-data għal skopijiet amministrattivi. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-istatistika hija prodotta minn dawn is-settijiet ta' data eżistenti. Il-mikroSMEs b'inqas minn 10 impjegati ma jistgħux jiġu esklużi milli jkollhom jiġbru data Ewropea dwar l-istatistika tas-sajd minħabba li l-biċċa l-kbira tal-bastimenti tas-sajd tal-UE għandhom ekwipaġġi b'inqas minn 10 membri. Madankollu, l-impatti fuqhom huma marġinali.

Ir-regolamenti statistiċi għandhom **impatt dirett** fuq ir-riżorsi meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti leġiżlattivi tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd, bħall-ġestjoni u ż-żmien/l-inputs meħtieġa mill-fornituri tad-data, mill-produtturi tad-data u mill-Eurostat. Dawn huma relattivament limitati, peress li r-regolamenti jaffettwaw primarjament grupp ristrett ta' fornituri tad-data li jeħtieġ li jipprovdu d-data amministrattiva xorta waħda, u għadd żgħir ta' organizzazzjonijiet responsabbli għall-produzzjoni tal-istatistika, bħall-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika. Peress li r-regolamenti huma applikabbli direttament fl-Istati Membri, l-attivitajiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tagħhom, bħall-ġbir, l-ipproċessar u l-validazzjoni tal-istatistika mill-pajjiżi u mill-Eurostat jikkostitwixxu impatti li għandhom kost

mil-lat ta' riżorsi. Madankollu, l-kostijiet huma limitati, peress li l-ESS diġà tipproduċi statistika dwar is-sajd u huma meħtieġa biss aġġustamenti.

L-istatistika Ewropea dwar is-sajd għandha **impatti indiretti** estensivi fuq oqsma bħall-ġestjoni tal-politika u l-konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, peress li dawn jiffaċilitaw it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika bbażata fuq l-evidenza billi jipprovdu data komparabbli u ta' kwalità għolja madwar il-pajjiżi. Madankollu, huwa ta' sfida li wieħed jipprevedi u jikkwantifika dawn l-impatti, peress li diffiċli li wieħed ibassar kif dawk li jfasslu l-politika u utenti oħra se jużaw l-istatistika u l-piż li se jassenjaw lilhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Iffrankar tal-kostijiet ta' REFIT tal-għażla ppreferuta:

| *Deskrizzjoni* | *Ammont* | *Kummenti* |
|---|---|---|
| Data dwar il-qabda: it-tnaqqis fil-piż u fil-kostijiet billi jiġi eliminat ir-rapportar doppju tad-data għall-qabdiet. | L-iffrankar annwali għall-kostijiet diretti marbuta mad-data dwar il-qbid huwa stmat li jlaħħaq EUR 1,2 miljun meta mqabbel mal-linja bażi. | Huwa ppjanat li tiġi prodotta statistika dwar il-qabdiet minn sorsi ta' data amministrattiva fil-livell tal-UE. L-Istati Membri ma jkollhomx għalfejn jibqgħu jittrażmettu l-istatistika dwar il-qabdiet.<br>Iffrankar dirett u indirett tal-kostijiet għall-produtturi tad-data (istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra). L-iffrankar tal-kostijiet huwa bbażat fuq iċ-ċifri pprovduti mill-Istati Membri, u jirriżulta l-aktar minn kostijiet diretti u indiretti tal-persunal u kostijiet tal-istħarriġ.<br>Fuq perjodu ta' żmien twil, il-bidla hija stmata li hija newtrali mil-lat ta' kostijiet għall-Kummissjoni. |
| L-użu mill-ġdid tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd minn organizzazzjonijiet internazzjonali. | Tnaqqis fil-piż fil-livell tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, minħabba l-eliminazzjoni ta' diversi attivitajiet ta' trażmissjoni u ta' validazzjoni. | Il-produtturi tad-data (l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra) u l-utenti tad-data (organizzazzjonijiet internazzjonali) jibbenefikaw minn flussi simplifikati tad-data; "iġbor darba, uża diversi drabi". |
| Titjib fl-effettività: tnaqqis ta' data kunfidenzjali. | Aktar data tkun aċċessibbli għall-utenti tad-data bl-istess kost bħal qabel. | Bis-simplifikazzjoni tal-istruttura tad-data, aktar data ssir disponibbli għall-utenti bl-istess kost u piż fuq il-fornituri tad-data u l-produtturi tad-data. |

Għar-raġunijiet deskritti hawn fuq, l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali diretti tal-produzzjoni tal-istatistika uffiċjali huma limitati.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kost totali stmat tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd huwa madwar EUR 5,6 miljun fis-sena għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni Ewropea, li minnhom madwar 5 % jiġġarbu mill-Kummissjoni Ewropea. L-iffrankar annwali stmat fil-kostijiet għad-data dwar il-qabdiet huwa EUR 1,2 miljun, jiġifieri 21 % tal-kostijiet totali.

Dawn il-kostijiet jirrappreżentaw 0,05 % tal-valur annwali tal-produzzjoni tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE, li huwa baxx ħafna. Ir-raġuni għal dan il-kost baxx hija l-użu mifrux tad-data amministrattiva disponibbli bħala data tas-sors għall-istatistika dwar il-qbid, il-ħatt l-art u l-flotta.

L-Istati Membri jħallsu l-kostijiet tal-produzzjoni għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd mill-baġits tagħhom, peress li l-istituti nazzjonali tal-istatistika jridu jissodisfaw l-obbligi legali tal-UE għal din l-istatistika u jadattaw regolarment is-sistemi tagħhom għal regolamenti ġodda jew aġġornati.

## 5. ELEMENTI OĦRA

### • Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Peress li l-istatistika Ewropea dwar is-sajd hija regolamenti tal-istatistika li huma direttament applikabbli fl-Istati Membri tal-UE, mhuwa meħtieġ l-ebda pjan ta' appoġġ jew ta' implimentazzjoni speċjali.

### • Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)

Mhuma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' spjegazzjoni.

### • Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Din il-proposta legali tistabbilixxi qafas integrat għall-istatistika Ewropea aggregata dwar is-sajd u l-akkwakultura relatata ma' li ġej: (i) l-estrazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar permezz ta' attivitajiet tas-sajd u d-dħul tagħhom fis-suq; (ii) l-istruttura tal-bastimenti tal-qbid; u (iii) il-produzzjoni u l-istruttura tal-istabbilimenti tal-akkwakultura. Din tenfasizza l-użu mill-ġdid ta' data amministrattiva fil-livell tal-UE għall-kompilazzjoni ta' din l-istatistika u għat-tnaqqis tad-duplikazzjonijiet u t-trikkib tal-flussi tad-data sabiex jitnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet għall-fornituri u l-produtturi nazzjonali tad-data.

Skont id-definizzjoni tas-suġġett u tal-kamp ta' applikazzjoni, l-Artikolu 1 jikkategorizza d-data li trid tingħabar f'żewġ oqsma ewlenin: is-sajd u l-akkwakultura. F'dawn l-oqsma, jiddeskrivi suġġetti u suġġetti dettaljati, li huma speċifikati ulterjorment fl-Anness. L-Artikoli 2 u 3 jippreżentaw termini (definizzjonijiet) rilevanti, u unitajiet ta' osservazzjoni. L-Artikolu 4 jistabbilixxi r-rekwiżiti tad-data u jistabbilixxi l-kriterji għall-eżenzjoni tal-Istati Membri milli jissottomettu data dwar ċerti varjabbli lill-Kummissjoni (Eurostat). Jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati għall-finijiet taż-żieda, tat-tħassir jew tat-tibdil ta' suġġetti u ta' suġġetti dettaljati, u li timplimenta atti biex tispeċifika s-settijiet tad-data meħtieġa u l-komponenti tekniċi tagħhom. Din l-istruttura għandha l-vantaġġ li toffri bażi armonizzata bl-istess aspetti komuni għas-suġġetti kollha, filwaqt li tittratta d-differenzi bejn is-suġġetti fil-leġiżlazzjoni sekondarja.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi li l-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati biex tiġbor id-data fuq bażi *ad hoc* jekk jitqies meħtieġ li jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali. L-Artikolu 6 jiċċara l-kopertura tal-istatistika skont ir-regolament.

Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, l-Artikolu 7 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni – sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni minn Stat Membru – li tipproduċi statistika nazzjonali u Ewropea dwar il-qabdiet u l-flotta billi terġa' tuża d-data rilevanti mill-bażijiet tad-data jew mir-reġistri stabbiliti mil-liġi tal-UE li jew jinżammu mill-Kummissjoni jew jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali u li għalihom il-Kummissjoni għandha aċċess. L-Artikolu 7 jipprevedi wkoll il-possibbiltà li tiġi prodotta statistika Ewropea dwar il-ħatt l-art u l-akkwakultura bl-użu tal-istess approċċ fil-futur.

L-Artikolu 8 jistipula s-sorsi tad-data li l-Istati Membri jridu jużaw, diment li dawn jippermettu li tiġi prodotta statistika Ewropea li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament. L-Artikolu 9 jintroduċi l-possibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-Kummissjoni (Eurostat), bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat, li tibgħat id-data aggregata koperta minn dan ir-Regolament lil organizzazzjonijiet internazzjonali, intergovernattivi u reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

L-Artikoli 10 u 11 jirreferu għall-perjodi ta' referenza u għar-rapportar tal-kwalità li għalihom il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni. L-Artikolu 12 jistabbilixxi reġim tranżizzjonali għat-trażmissjoni tad-data dwar il-qabdiet mis-sajd rikreattiv u d-data dwar il-qabdiet ta' speċijiet sensittivi, kif meħtieġ skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, sakemm dik id-data ssir disponibbli.

L-Artikolu 13 jispeċifika l-attivitajiet li jistgħu jkunu soġġetti għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE. L-Artikoli 14 sa 18 jistabbilixxu mekkaniżmi għall-għoti ta' derogi u għall-eżerċitar tad-delega, kif ukoll il-proċedura tal-kumitat, it-tħassir u d-dħul fis-seħħ.

2025/0246 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1921/2006, (KE) Nru 762/2008, (KE) Nru 216/2009, (KE) Nru 217/2009 u (KE) Nru 218/2009**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Statistika Ewropea affidabbli, komprensiva u f'waqtha hija essenzjali għat-tfassil, għall-implimentazzjoni, għall-monitoraġġ, u għall-evalwazzjoni tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatati mas-sajd u mal-akkwakultura, b'mod partikolari taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika komuni tas-sajd ("PKS")[1]. Dik l-istatistika tgħin ukoll biex jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd u tal-akkwakultura fuq l-iżvilupp tan-negozju, is-sigurtà tal-ikel, il-kwalità tal-ilma, l-ispeċijiet sensittivi, il-ħabitats, it-tibdil fil-klima u s-saħħa pubblika, kif ukoll biex jiġu vvalutati l-funzjonament tas-suq u l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-NU.

(2) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura jenħtieġ li titfassal biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u biex timmonitorja l-progress lejn l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew[2].

(3) L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura bħalissa tinġabar abbażi ta' ħames atti legali li ma jipprovdux konsistenza sħiħa fl-oqsma statistiċi kollha. Meħtieġ qafas legali komuni biex tiġi żgurata l-konsistenza, jiġu ssimplifikati l-proċessi statistiċi u jiġi permess approċċ aktar olistiku.

(4) Meħtieġa dejjem aktar statistika Ewropea aktar dettaljata u f'waqtha biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki, tal-leġiżlazzjoni[3] tal-UE, kif ukoll ta' diversi inizjattivi

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final).

tal-Kummissjoni, inklużi l-pjanijiet ta' azzjoni għall-produzzjoni organika[4], l-akkwakultura sostenibbli[5,6], ekonomija blu sostenibbli[7], l-iżvilupp tas-settur tal-algi[8], it-tranżizzjoni enerġetika fis-sajd u fl-akkwakultura[9], u l-protezzjoni tal-ekosistema marittima[10].

(5) Ir-riżoluzzjonijiet mill-Parlament enfasizzaw ukoll l-importanza għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura[11,12].

(6) L-Unjoni, bħala firmatarja tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar[13], hija impenjata li tippromwovi s-sajd sostenibbli, u li teżerċita s-setgħat tagħha fil-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u s-sajd li huma stabbiliti skont l-Artikoli 3(1), il-punt (d) u 4(2), il-punt (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(7) Il-Grupp ta' Ħidma ta' Koordinazzjoni (CWP, Coordinating Working Party) tal-FAO rigward l-Istatistika dwar is-Sajd[14] jistabbilixxi standards internazzjonali għall-istatistika dwar is-sajd, inklużi kunċetti u klassifikazzjonijiet, bħaż-żoni tas-sajd għal skopijiet statistiċi u l-lista tal-ispeċijiet tas-Sistema ta' informazzjoni dwar ix-Xjenzi Akkwatiċi u s-Sajd (ASFIS, Aquatic Sciences and Fisheries Information System). L-

---

3 Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj/eng; Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj; u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj.

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika (COM/2021/141 final).

5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030 (COM/2021/236 final).

6 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (COM/2023/597 final).

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ ġdid għal ekonomija blu sostenibbli fl-UE It-trasformazzjoni tal-Ekonomija Blu tal-UE għal Futur Sostenibbli (COM/2021/240 final).

8 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Lejn Settur tal-Algi tal-UE B'Saħħtu u Sostenibbli (COM/2022/592 final).

9 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-Settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE (COM/2023/100 final).

10 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Nipproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti (COM/2023/102 final).

11 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 2022 lejn ekonomija blu sostenibbli fl-UE: ir-rwol tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (2021/2188(INI)).

12 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-impenn favur akkwakultura sostenibbli u kompetittiva fl-UE: it-triq 'il quddiem (2021/2189(INI)).

13 https://www.un.org/Depts/los/convention_agreements/texts/unclos/unclos_e.pdf.

14 Stabbilita fl-1959 skont ir-Riżoluzzjoni 23/59 tal-Għaxar Sessjoni tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura, http://www.fao.org/3/x5573E/x5573e0c.htm#Resolution23.

istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura jenħtieġ li ssegwi dawn l-istandards meta applikabbli.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea, li jenfasizza l-kriterji ta' kwalità, u li jimminimizza l-piż fuq ir-rispondenti u l-piż amministrattiv.

(9) Il-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-data, kif ukoll il-formati uniformi ta' rapportar, huma essenzjali għall-effiċjenza tal-ġbir tad-data u l-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura.

(10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jallinja t-talbiet għad-data, id-definizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-formati ta' rapportar tiegħu ma' dawk tal-FAO u tal-OECD biex jittejbu l-koerenza, il-komparabbiltà u l-interoperabbiltà, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

(11) L-istatistika Ewropea dwar l-akkwakultura jenħtieġ li tkun ibbażata fuq definizzjoni ċara ta' "stabbilimenti tal-akkwakultura" li: (i) tkompli tiddistingwihom mill-istatistika skont il-Liġi tal-Unjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali[16]; u (ii) tqis il-karatteristiċi uniċi tal-akkwakultura (inkluża l-produzzjoni tal-pjanti, tal-algi u taċ-ċjanobatterji) u l-koeżistenza ta' diversi linji ta' produzzjoni.

(12) L-istatistika dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura organika hija essenzjali għall-monitoraġġ tal-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-produzzjoni organika. Sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà, id-data amministrattiva mir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] jenħtieġ li tintuża sal-massimu possibbli.

(13) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] jenħtieġ li jiġi applikat għal data dwar unitajiet territorjali terrestri.

(14) Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi emerġenti għall-informazzjoni, tista' tinġabar data *ad hoc* dwar is-sajd u l-akkwakultura. Tali talba għal data addizzjonali jenħtieġ li tiġi sostanzjata kif xieraq u jenħtieġ li ma timponi l-ebda piż sproporzjonat fuq ir-rispondenti u fuq l-awtoritajiet nazzjonali.

(15) L-istruttura tad-data użata f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun komparabbli mal-qafas għall-ġbir ta' data (DCF, data collection framework) stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19].

---

15 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/223/oj.

16 Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

17 Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj.

18 Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj.

(16) Il-metodi tal-ġbir tad-data jenħtieġ li jimminimizzaw il-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq ir-rispondenti, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-Istati Membri.

(17) Sabiex jiġi evitat rapportar multiplu mill-Istati Membri, l-istatistika dwar il-qabdiet u l-flotta tas-sajd tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat) mid-data amministrattiva fil-livell tal-UE miġbura skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[20] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218)[21], sa fejn ikun possibbli.

(18) Sabiex il-produzzjoni tal-istatistika tkun aktar effiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw diversi sorsi u metodi tad-data, inklużi sorsi amministrattivi, stħarriġ, imputazzjoni, stima u mmudellar. Jenħtieġ li jiġu promossi wkoll soluzzjonijiet diġitali, għodod ta' monitoraġġ[22] u sensuri remoti, filwaqt li jiġu żgurati l-kwalità, l-akkuratezza, il-puntwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika.

(19) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri skont dan ir-Regolament biex jiġi żgurat li tintuża data kunfidenzjali f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

(20) Il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tittrażmetti data aggregata lill-organizzazzjonijiet internazzjonali strettament għal finijiet statistiċi jew xjentifiċi, bl-għan li jitnaqqas il-piż tar-rapportar.

(21) Jenħtieġ li l-istatistika u r-rapporti tal-kwalità miġbura skont dan ir-Regolament jiġu disseminati mill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

(22) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ("ESSC", European Statistical System Committee) approva l-istruttura tal-Metadata Integrata unika ("SIMS", Single Integrated Metadata Structure)[23] bħala l-istandard tas-sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS, European statistical system) għar-rapportar tal-kwalità, li tikkontribwixxi għal standards uniformi u metodi armonizzati.

(23) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/397[24] tistieden lill-Istati Membri biex japplikaw il-kunċetti statistiċi tas-SIMS meta jkunu qed jiġbru r-rapporti ta'

---

19 Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (riformulazzjoni), ĠU L 157, 20.06.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1004/oj.

20 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

21 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni C/2017/0504, ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/218/oj.

22 Bħall-programm tal-Unjoni għall-osservazzjoni tad-dinja Copernicus, https://www.copernicus.eu/mt.

23 Is-SIMS kif imsemmi f'https://ec.europa.eu/eurostat/web/metadata/reference-metadata-reporting-standards.

24 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/397 tas-17 ta' Frar 2023 dwar metadata ta' referenza u rapporti ta' kwalità għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni

referenza dwar il-metadata u l-kwalità, u biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni sa fejn ikun rilevanti għall-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura.

(24) L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd (mill-2019)[25] irrakkomandat li jiġi rivedut il-qafas legali eżistenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet statistiċi attwali u futuri.

(25) Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni dwar l-istatistika Ewropea tas-sajd (mill-2021) irrakkomandat li l-qafas legali l-ġdid jenħtieġ li jagħti prijorità lill-effettività u lir-rilevanza tal-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura.

(26) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas komuni għall-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, meħtieġ approċċ koordinat u armonizzat. Għalhekk, għal raġunijiet ta' koerenza u komparabbiltà, l-objettiv jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, fejn l-Unjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TFUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(27) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet emerġenti tad-data fis-sajd u fl-akkwakultura, u l-prijoritajiet ta' politika li qed jinbidlu, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tas-suġġetti dettaljati elenkati f'dan ir-Regolament u fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti għal ġabriet tad-data *ad hoc*. Meta tadotta atti delegati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi. Huwa importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom jenħtieġ li jkollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(28) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tad-data regolari kif ukoll id-data *ad hoc*: (i) l-elementi tekniċi tas-settijiet tad-data li jridu jiġu trażmessi u l-formati tekniċi tagħhom; (ii) il-lista tal-varjabbli; (iii) id-deskrizzjonijiet tal-varjabbli; (iv) l-unitajiet tal-kejl; (v) il-varjabbli dwar l-ispeċijiet sensittivi; (vi) il-varjabbli dwar il-produzzjoni organika; (vii) il-varjabbli fil-livell reġjonali; (viii) il-limiti għall-identifikazzjoni tal-varjabbli eżentati; (ix) l-unitajiet ta' osservazzjoni; (x) ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni; (xi) ir-regoli metodoloġiċi; u (xii) l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-data. Barra minn hekk, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika

2009/498/KE dwar metadata ta' referenza għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, ĠU L 53, 21.2.2023, p. 104, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2023/397/oj.

[25] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Evalwazzjoni tal-Istatistika Ewropea dwar is-Sajd (SWD(2019) 425).

[26] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

arranġamenti prattiċi għar-rapporti tal-kwalità u l-kontenut tagħhom u għall-għoti ta' derogi lill-Istati Membri. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]. Meta teżerċita dawk is-setgħat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis aspetti bħall-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq ir-rispondenti u l-Istati Membri.

(29) F'każijiet debitament sostanzjati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tagħti derogi lill-Istati Membri għal perjodu ta' żmien limitat jekk ikunu meħtieġa aġġustamenti sinifikanti għas-sistemi nazzjonali tal-istatistika tagħhom biex jiġi implimentat dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, biex is-sistemi tal-ġbir tad-data jiġu adattati għal rekwiżiti ġodda, inkluż l-użu ta' sorsi amministrattivi.

(30) Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kemm l-Istati Membri kif ukoll l-Unjoni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu finanzjament. Għalhekk jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet.

(31) Il-koordinazzjoni fi ħdan l-ESS jenħtieġ li tissaħħaħ biex jiġu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà tal-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura.

(32) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jissostitwixxu dawk stabbiliti bir-Regolamenti (KE) Nru 1921/2006[28], (KE) Nru 762/2008[29], (KE) Nru 216/2009[30], (KE) Nru 217/2009[31] u (KE) Nru 218/2009[32] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk, dawk ir-Regolamenti jenħtieġ li jitħassru.

(33) L-ESSC ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas integrat għall-istatistika Ewropea relatata mal-estrazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar minn attivitajiet tas-sajd u l-introduzzjoni

---

27 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj.

28 Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' data ta' l-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91, ĠU L 403, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1921/oj.

29 Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri ta' l-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/762/oj.

30 Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (Tfassil mill-ġdid), ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/216/oj.

31 Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta1-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid), ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/217/oj.

32 Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid), ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/218/oj.

tagħhom fis-suq, u għall-flotta tal-qbid tal-Unjoni, il-produzzjoni tal-akkwakultura u l-istabbilimenti tal-akkwakultura.

2. L-istatistika relatata mas-sajd u l-akkwakultura għandha tkopri l-oqsma u s-suġġetti li ġejjin:

(1) l-istatistika dwar is-sajd:

(a) il-qabdiet;

(b) il-ħatt l-art;

(c) il-flotta tal-qbid;

(2) l-istatistika dwar l-akkwakultura:

(a) il-produzzjoni tal-akkwakultura minbarra l-imfaqas u n-nurseries;

(b) il-flussi fl-akkwakultura;

(c) l-istabbiliment tal-akkwakultura.

*Artikolu 2*

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “ilmijiet tal-Unjoni”, “riżorsi bijoloġiċi tal-baħar”, “bastiment tas-sajd”, “bastiment tas-sajd tal-Unjoni”, “qbid skartat”, “akkwakultura”, “attività tas-sajd”, “prodotti tas-sajd” u “prodotti tal-akkwakultura”, għandu jkollhom it-tifsira li għandhom skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 4(1), fil-punti (1), (2), (4), (5), (10), (25), (28), (29) u (34) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33];

(2) “flotta tas-sajd tal-Unjoni” għandu jkollha t-tifsira li għandha skont id-definizzjoni korrispondenti stabbilita fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218;

(3) “speċi sensittiva” għandu jkollha t-tifsira li għandha skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 6, il-punt (8) tar-Regolament (UE) Nru 2019/1241[34];

(4) “qabdiet” u “ħatt l-art”, għandu jkollha t-tifsira li għandha skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punti (15) u (16) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1639/2001[35];

---

33 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.

34 Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta’ ekosistemi tal-baħar permezz ta’ miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005, ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj.

(5) “liċenzja tas-sajd”, “sajd rikreattiv” u “bastiment tal-qbid” għandu jkollhom it-tifsira li għandhom skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 4, il-punti (9), (28) u (33) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(6) “produzzjoni organika” għandu jkollha t-tifsira li għandha skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (1) tar-Regolament (UE) 2018/848[36];

(7) “introduzzjoni fis-suq” għandu jkollha t-tifsira li għandha skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 5, il-punt (f) tar-Regolament (UE) 1379/2013[37].

(8) “speċi” tfisser *unitajiet tassonomiċi* ta’ organiżmi identifikati mill-kodiċi internazzjonali 3-alfa[38], kif stabbilit mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (“FAO”, UN Food and Agriculture Organization) (lista tas-Sistema ta’ informazzjoni dwar ix-Xjenzi akkwatiċi u s-Sajd tal-ispeċijiet għal finijiet ta’ statistika dwar is-sajd), jew – meta ma jkunx hemm – mill-kodiċi 3-alfa għall-aggregati tal-*unitajiet tassonomiċi*;

(9) “żoni tas-sajd tal-FAO” tfisser iż-żoni ġeografiċi tas-sajd identifikati bl-użu tal-kodiċi numeriku internazzjonali, kif stabbilit mill-FAO[39] għal finijiet statistiċi;

(10) “sajd kummerċjali” tfisser sfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar imwettaq minn bastiment tal-qbid b’liċenzja tas-sajd valida, jew, minn persuna fiżika jew ġuridika li jkollha liċenzja jew irreġistrata f’sistema alternattiva għas-sajd mingħajr bastiment;

(11) “qabdiet kummerċjali” tfisser qabdiet miksuba permezz ta’ sajd kummerċjali minbarra l-qbid skartati;

(12) “qabdiet rikreattivi” tfisser qabdiet ta’ speċijiet taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 li jseħħu fit-territorju tal-Unjoni u fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(13) “l-ewwel bejgħ ta’ riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li jinħattu l-art” tfisser it-tranżazzjoni finanzjarja inizjali fejn il-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art jiġu introdotti fis-suq għall-ewwel darba;

(14) “stabbiliment tal-akkwakultura” tfisser kwalunkwe bini delimitat jew identifikat b’mod amministrattiv fejn isseħħ l-akkwakultura, bl-eċċezzjoni tal-produzzjoni tal-

---

[35] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1639/2001 tal-25 ta’ Lulju 2001 li jistabbilixxi l-programmi minimi u estiżi tal-Komunità għall-ġbir tad-data fis-settur tas-sajd u li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000, ĠU L 222, 17.8.2001, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1639/oj.

[36] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj.

[37] Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1379/oj.

[38] Is-Sistema ta’ Informazzjoni dwar ix-Xjenzi Akkwatiċi u s-Sajd, il-Lista ta’ Speċijiet għal Finijiet ta’ Statistika dwar is-Sajd (https://www.fao.org/fishery/en/collection/asfis/en)

[39] Il-Manwal tas-CWP dwar l-istandards tal-istatistika tas-sajd. It-Taqsima H: Żoni tas-sajd għal finijiet tal-istatistika: https://www.fao.org/cwp-on-fishery-statistics/handbook/general-concepts/main-water-areas/en/.

akkwakultura u tal-ispeċijiet ornamentali. L-istess stabbiliment tal-akkwakultura jista' jkollu diversi linji ta' produzzjoni;

(15) "akkwakultura bbażata fuq il-qbid" tfisser il-prattika tal-ġbir ta' materjali "żerriegħa" - minn stadji bikrija tal-ħajja sal-istadju ta' adulti - mill-ambjent naturali u t-tkabbir sussegwenti tagħhom fil-magħluq sa daqs kummerċjabbli, bl-użu ta' tekniki tal-akkwakultura;

(16) "l-ewwel bejgħ" fl-akkwakultura tfisser it-tranżazzjoni finanzjarja inizjali fejn il-prodotti tal-akkwakultura jiġu introdotti fis-suq għall-ewwel darba;

(17) "imqafas u nurseries" tfisser postijiet fejn jitnisslu, jfaqqsu u jitrabbew b'mod artifiċjali fl-istadji bikrija tal-ħajja l-annimali akkwatiċi. Għall-finijiet ta' statistika, l-imfaqas huma limitati għall-produzzjoni tal-bajd iffertilizzat. L-ewwel stadji tal-frieħ ta' annimali akkwatiċi jiġu prodotti fin-nurseries;

(18) "produzzjoni tal-akkwakultura" tfisser l-ammont prodott mill-akkwakultura, inkluża l-produzzjoni mill-imfaqas u min-nurseries, offerti għall-bejgħ;

(19) "meħlusa fl-ambjent naturali" tfisser ir-rilaxx intenzjonat ta' organiżmi akkwatiċi għar-ripopolazzjoni – għajr għal skopijiet ta' akkwakultura – ta' xmajjar, lagi u ilmijiet oħra;

(20) "unità ta' osservazzjoni" tfisser entità identifikabbli li tista' tinkiseb data dwarha;

(21) "qasam" tfisser sett ta' data wieħed jew aktar li jkopri temi speċifiċi;

(22) "suġġett" tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li trid tiġi kompilata dwar l-unitajiet ta' osservazzjoni, fejn kull suġġett ikopri suġġett dettaljat wieħed jew aktar;

(23) "suġġett dettaljat" tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li għandha tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi relatati ma' suġġett; kull suġġett dettaljat ikopri varjabbli wieħed jew aktar;

(24) "sett tad-data" tfisser varjabbli aggregat wieħed jew ħafna organizzati f'forma strutturata;

(25) "varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità ta' osservazzjoni li jista' jkollha aktar minn sett wieħed ta' valuri;

(26) "data *ad hoc*" tfisser data ta' interess partikolari għall-utenti f'mument speċifiku iżda li mhijiex inkluża fis-settijiet tad-data regolari;

(27) "data amministrattiva" tfisser data ġġenerata minn sors mhux statistiku, li normalment tinżamm minn korp pubbliku jew privat, li l-għan ewlieni tagħha mhuwiex li tipprovdi statistika;

(28) "metadata" tfisser informazzjoni li tkun meħtieġa biex tintuża u tiġi interpretata l-istatistika u li tiddeskrivi d-data b'mod strutturat.

*Artikolu 3*

Unitajiet ta' osservazzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tinkiseb data għall-unitajiet ta' osservazzjoni li ġejjin:

(a) il-flotta tas-sajd tal-Unjoni;

(b) flotot tas-sajd oħra mhux tal-Unjoni li jħottu l-art prodotti tas-sajd fl-Unjoni;

(c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom liċenzja jew li jkunu rreġistrati f'sistema alternattiva għas-sajd mingħajr bastiment;

(d) sidien tal-bastimenti, bejjiegħa bl-ingrossa, xerrejja rreġistrati, irkantijiet reġistrati u organizzazzjonijiet tal-produtturi awtorizzati mill-Istati Membri;

(e) persuni fiżiċi involuti fis-sajd rikreattiv fl-Unjoni;

(f) Stabbilimenti tal-akkwakultura tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

Rekwiżiti tad-data

1. Is-suġġetti dettaljati, il-frekwenzi tat-trażmissjoni, il-perjodi ta' referenza u d-dimensjonijiet relatati ma' speċijiet sensittivi, il-produzzjoni organika u d-diżaggregazzjoni reġjonali rigward l-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 1, għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

2. Id-data reġjonali tal-baħar għandha tiġi trażmessa fil-livell tar-reġjuni statistiċi tas-sajd l-aktar dettaljati użati fiż-żoni tas-sajd tal-FAO. Id-data reġjonali interna għandha tiġi trażmessa fil-livell NUTS 2, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.

3. Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv u finanzjarju, Stat Membru jista' jiġi eżentat milli jibgħat id-data dwar ċertu varjabbli lill-Kummissjoni (Eurostat) jekk:

(a) il-varjabbli jkollu prevalenza żero jew baxxa f'dak l-Istat Membru; jew

(b) il-varjabbli jammonta għal proporzjon żgħir tal-produzzjoni tal-akkwakultura fil-livell nazzjonali jew reġjonali (iż-żona tal-FAO jew il-livell NUTS 2).

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 għall-finijiet tal-emendar tal-Anness, billi żżid, tħassar jew tbiddel suġġetti dettaljati, inklużi d-deskrizzjonijiet tagħhom, u billi tbiddel il-frekwenzi tat-trażmissjoni, il-perjodi ta' referenza u l-oqsma applikabbli tas-suġġetti dettaljati kif stabbiliti fl-Anness.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-entrati tekniċi li ġejjin, u meta applikabbli, tas-settijiet tad-data individwali li jridu jiġu trażmessi lill-Kummissjoni (Eurostat):

(a) il-lista tal-varjabbli;

(b) id-deskrizzjonijiet tal-varjabbli;

(c) l-unitajiet tal-kejl;

(d) il-varjabbli għal speċijiet sensittivi;

(e) il-varjabbli għall-produzzjoni organika;

(f) il-varjabbli fil-livell reġjonali;

(g) il-limiti għall-identifikazzjoni tal-varjabbli eżentati;

(h) ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni;

(i) ir-regoli metodoloġiċi;

(j) l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-data.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2) mill-inqas 9 xhur qabel il-bidu tas-sena ta' referenza rilevanti.

6. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu data u metadata relatata b'format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (il-Eurostat) għal kull sett tad-data. Is-servizzi tal-punt uniku ta' dħul għandhom jintużaw biex jipprovdu d-data lill-Kummissjoni (il-Eurostat).

*Artikolu 5*

Ġbir tad-data *ad hoc*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jispeċifikaw id-data li trid tintbagħat mill-Istati Membri fuq bażi *ad hoc* meta, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali jitqies neċessarju għall-fini li jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali. Dawk l-atti ddelegati għandhom jispeċifikaw:

(a) is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati relatati mal-oqsma speċifikati fl-Artikolu 1 li jridu jiġu inklużi fil-ġbir tad-data *ad hoc* u r-raġunijiet għal dawn il-ħtiġijiet statistiċi addizzjonali;

(b) il-perjodi ta' referenza.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 li jibdew mis-sena ta' referenza [*sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]. Għandu jkun hemm mill-inqas intervall ta' sentejn bejn l-iskadenzi għat-trażmissjoni ta' ġabriet tad-data *ad hoc* konsekuttivi.

3. Għall-fini tal-ġabriet tad-data *ad hoc* imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin tad-data li trid tiġi trażmessa, fejn xieraq:

(a) il-lista tal-varjabbli;

(b) id-deskrizzjonijiet tal-varjabbli;

(c) l-unitajiet tal-kejl;

(d) il-varjabbli għal speċijiet sensittivi;

(e) il-varjabbli għall-produzzjoni organika;

(f) il-varjabbli fil-livell reġjonali;

(g) il-limiti għall-identifikazzjoni tal-varjabbli eżentati;

(h) ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni;

(i) ir-regoli metodoloġiċi;

(j) l-iskadenzi biex tiġi trażmessa d-data;

(k) l-unitajiet ta' osservazzjoni.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2) mill-inqas 9 xhur qabel il-bidu tas-sena ta' referenza rilevanti.

*Artikolu 6*

Kopertura

1. L-istatistika għandha tkun rappreżentattiva tal-popolazzjoni statistika li tiddeskrivi.

2. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u l-piż fuq ir-rispondenti tal-istatistika, id-data dwar is-sajd u l-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tkopri mill-inqas f'kull Stat Membru:

   95 % tal-piż tal-qabdiet kummerċjali;

   90 % tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni, għall-piż tal-qbid skartat;

   90 % tal-persuni fiżiċi involuti fis-sajd rikreattiv;

   95 % tal-piż tal-ħatt l-art;

   95 % tal-flotta tal-qbid tal-Unjoni;

   95 % tal-produzzjoni tal-akkwakultura.

*Artikolu 7*

Il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura

1. Għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-qabdiet u dwar il-flotta tal-qbid tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tuża mill-ġdid id-data rilevanti mill-bażijiet tad-data jew mir-reġistri stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 8(2), li jew jinżammu mill-Kummissjoni jew jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali u li għalihom il-Kummissjoni għandha aċċess. Qabel ixxerred dik l-istatistika, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-istatistika biex tiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tal-istatistika. Jekk Stat Membru joġġezzjona għall-użu mill-ġdid tad-data nazzjonali tiegħu mill-Kummissjoni (il-Eurostat), għandu jibgħat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) data dwar il-qabdiet u l-flotta tal-qbid fil-forma ta' settijiet tad-data aggregati. Tali oġġezzjoni għandha tiġi ssostanzjata kif xieraq u nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni (il-Eurostat) mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' referenza.

2. Għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-ħatt l-art u l-akkwakultura, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) statistika dwar il-ħatt l-art u l-akkwakultura fl-għamla ta' settijiet tad-data aggregati.

3. Jekk data rilevanti dwar il-ħatt l-art jew dwar l-akkwakultura ssir disponibbli minn kwalunkwe bażi tad-data jew reġistru ieħor stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tuża mill-ġdid dik id-data biex tipproduċi statistika skont l-istess proċeduri kif stabbilit fil-paragrafu 1, diment li tali data tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11.

*Artikolu 8*

Sorsi tad-data u metodi

1. L-Istati Membri għandhom jużaw wieħed jew aktar mis-sorsi u l-metodi tad-data li ġejjin, sakemm jippermettu li tiġi prodotta statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 11:

(a) sorsi tad-data amministrattiva speċifikati fil-paragrafu 2;

(b) sorsi tad-data amministrattiva bbażati fuq il-liġi nazzjonali;

(c) stħarriġ statistiku;

(d) metodi u sorsi innovattivi, bħal għodod diġitali u sensuri remoti.

2. Fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jużaw kwalunkwe data mis-sorsi li ġejjin:

(a) bażijiet tad-data elettroniċi stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009;

(b) bażijiet tad-data kompjuterizzati stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2017/1004;

(c) reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni stabbilit skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218;

(d) reġistri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/848;

(e) kwalunkwe sors tad-data amministrattiva rilevanti ieħor stabbilit skont id-dritt tal-Unjoni.

*Artikolu 9*

Il-kondiviżjoni tad-data ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

Il-Kummissjoni (il-Eurostat) tista' tittrażmetti d-data aggregata koperta minn dan ir-Regolament lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, intergovernattivi u reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, soġġetta għall-istabbiliment ta' arranġament bejn il-Kummissjoni (il-Eurostat) u l-organizzazzjoni kkonċernata biex jiġi żgurat li d-data tintuża strettament għal finijiet statistiċi jew xjentifiċi. Dan l-arranġament għandu jimplimenta wkoll miżuri xierqa: (i) biex tiġi protetta d-data, b'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-protezzjoni fiżika u loġika tad-data kunfidenzjali; u (ii) biex jiġi mmonitorjat u evitat ir-riskju ta' divulgazzjoni illegali jew kwalunkwe użu lil hinn mill-finijiet li għalihom ġiet trażmessa d-data. It-trażmissjoni ta' data kunfidenzjali f'dan il-kuntest għandha tkun bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 10*

Perjodu ta' referenza

L-ewwel perjodu ta' referenza għandu jibda fis-sena kalendarja [*daħħal is-sena li tibda fl-1 ta' Jannar wara 18-il xahar wara l-adozzjoni*].

*Artikolu 11*

Rekwiżiti tal-kwalità u rappurtar dwar il-kwalità

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-data u l-metadata trażmessa lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-data u tal-metadata trażmessi lilha jew miksuba minn sorsi amministrattivi fil-livell tal-Unjoni.

4. Għall-fini tal-paragrafu 3, kull Stat Membru għandu jittrażmetti lill-Kummissjoni (il-Eurostat), għall-ewwel darba sa [*trid timtela kif xieraq*], u mbagħad kull 3 snin, rapport ta' kwalità li jiddeskrivi l-proċessi statistiċi għad-data trażmessa tul il-perjodu, inkluż b'mod partikolari:

(a) metadata li tiddeskrivi l-metodoloġija użata u kif inkisbu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti minn dan ir-Regolament;

(b) informazzjoni dwar il-kwalità tad-data miksuba mis-sorsi stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u użata għall-produzzjoni tal-istatistika skont dan ir-Regolament;

(c) informazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti ta' kopertura stabbiliti fl-Artikolu 6.

5. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tippubblika kull 3 snin rapport tal-kwalità dwar l-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura kkompilat skont il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 7.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti dwar il-kwalità u l-kontenut tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

7. L-Istati Membri għandhom, meta meħtieġ, jinfurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) bi kwalunkwe informazzjoni jew bidla rilevanti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li tista' tinfluwenza b'mod sinifikanti l-kwalità tad-data trażmessa.

8. Wara talba debitament sostanzjata mill-Kummissjoni (il-Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tad-data u tal-metadata trażmessa.

*Artikolu 12*

Reġim tranżizzjonali għad-data dwar il-qabdiet ta' speċijiet sensittivi u ta' sajd rikreattiv

B'deroga mill-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom ikunu eżentati milli jittrażmettu data relatata mal-qabdiet ta' speċijiet sensittivi u ta' sajd rikreattiv sakemm id-data ssir disponibbli kif meħtieġ mill-Artikoli 14 u 55 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 13*

Kontribuzzjoni tal-Unjoni

1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti tal-istatistika nazzjonali u lil awtoritajiet nazzjonali oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, biex tkopri l-kostijiet tal-attivitajiet li ġejjin:

(a) ġabriet tad-data *ad hoc* imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-użu ta' metodi u approċċi innovattivi, bħal għodod diġitali u sensuri remoti, imsemmija fl-Artikolu 8(1)(d) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont dan l-Artikolu ma għandhiex taqbeż id-90 % tal-kostijiet eliġibbli.

3. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont dan l-Artikolu għandu jiġi stabbilit skont ir-regoli tal-programm ta' finanzjament rilevanti, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

*Artikolu 14*

Derogi

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew tal-miżuri ta' implimentazzjoni u l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament, tkun teħtieġ adattamenti maġġuri f'sistema tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu derogi lill-Istati Membri għal perjodu massimu ta' sentejn. L-Istat Membru rilevanti għandu jippreżenta talba debitament motivata għal tali deroga lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ikkonċernat.

L-impatt ta' dawn id-derogi fuq il-komparabbiltà tad-data tal-Istati Membri jew fuq il-kalkolu tal-aggregati Ewropej fil-ħin u rappreżentattivi meħtieġa għandu jinżamm għal minimu. Il-piż fuq ir-rispondenti għandu jitqies meta tingħata d-deroga.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

*Artikolu 15*

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4(4) u 5(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka delega tas-setgħa għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

6. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

7. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(4) u 5(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn

min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 16*

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-ESSC, stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 17*

Tħassir

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1921/2006, (KE) Nru 762/2008, (KE) Nru 216/2009, (KE) Nru 217/2009, u (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar [*tas-sena ta' wara 18-il xahar wara l-adozzjoni*] mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti f'dawk l-atti legali dwar it-trażmissjoni ta' data u metadata, inklużi r-rapporti ta' kwalità, għal perjodi ta' referenza li, totalment jew parzjalment, iseħħu qabel dik id-data.

2. Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 18*

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar [*tas-sena ta' wara 18-il xahar wara l-adozzjoni*]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 3

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 3

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..... 3

1.3. Objettiv(i) ..... 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ..... 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..... 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..... 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..... 3

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma' ..... 4

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ..... 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..... 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..... 5

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ..... 5

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ..... 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..... 5

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ..... 6

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ..... 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..... 7

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ..... 7

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..... 7

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ..... 7

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..... 7

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ..... 7

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ..... 7

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 8

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ........ 8
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ........ 10
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 10
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 10
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 17
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ........ 19
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 19
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ........ 19
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ........ 20
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 21
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ........ 22
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ........ 22
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ........ 23
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ........ 24
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ........ 24
4.2. Data ........ 25
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ........ 29
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ........ 30
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ........ 33

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1921/2006, 762/2008, 216/2009, 217/2009 u 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea u l-politika komuni tas-sajd

### 1.3. Objettiv(i)

*1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

Il-leġiżlazzjoni tal-EFAS (European fisheries and aquaculture statistics) għandha l-għan li tipprovdi statistika Ewropea ta' kwalità għolja, komparabbli u f'waqtha dwar is-sajd (il-qabdiet, il-ħatt l-art u l-flotta) u l-akkwakultura li jappoġġaw it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PKS u politiki relatati tal-UE, filwaqt li jitnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi għall-Istati Membri.

L-EFAS se tinkludi regolament qafas ewlieni u atti ta' implimentazzjoni. Bħala regolament, l-att ewlieni tal-EFAS huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri tal-UE, filwaqt li ż-żewġ atti ta' implimentazzjoni se jispeċifikaw prinċipalment il-listi ta' varjabbli u deskrizzjonijiet, u r-rekwiżiti metodoloġiċi.

*1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

<u>Objettiv speċifiku Nru 1</u>

Li jiġi impost rekwiżit legali fuq l-Istati Membri biex jipproduċu statistika dwar is-sajd u l-akkwakultura li tkopri l-UE kollha;

<u>Objettiv speċifiku Nru 2</u>

Li jiġi stabbilit qafas għal statistika komparabbli u ta' kwalità għolja f'dan il-qasam.

*1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

Għall-utenti tad-data, bħall-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet oħra tal-UE, jenħtieġ li l-EFAS tipprovdi statistika Ewropea ta' kwalità għolja, komparabbli u f'waqtha dwar is-sajd u l-akkwakultura għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PKS u l-politiki relatati tal-UE.

Għall-produtturi nazzjonali tad-data, l-EFAS jenħtieġ li tnaqqas il-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi.

Għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, jenħtieġ li l-EFAS tipprovdi data għall-monitoraġġ tas-suq mingħajr piż addizzjonali.

*1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

Il-kompletezza tal-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura.

Id-disseminazzjoni tal-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura fil-bażijiet tad-data tal-Eurostat aċċessibbli għall-pubbliku.

## 1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[1]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☒ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Mill-bidu tal-Komunità Ekonomika Ewropea fil-ħamsinijiet, il-Eurostat ilu jipprovdi statistika Ewropea dwar is-sajd b'rabta mal-qabdiet tal-ħut, il-ħatt l-art, il-flotta tas-sajd tal-Unjoni u l-akkwakultura, li hija meħtieġa għall-attivitajiet tal-UE. Din l-istatistika bħalissa hija koperta minn ħames atti legali li jmorru lura għas-snin disgħin b'riformulazzjonijiet fis-snin elfejn. Ir-regolamenti jistabbilixxu, fost affarijiet oħra, il-varjabbli statistiċi, iż-żoni tas-sajd koperti, il-perjodi ta' referenza, l-iskadenzi tat-trażmissjoni u l-kriterji tal-kwalità statistika.

Statistika Ewropea uffiċjali rilevanti, komparabbli u f'waqtha hija meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea relatati mas-sajd. Dik l-istatistika hija meħtieġa, b'mod partikolari, għal li ġej: (i) il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; (ii) il-PKS, inkluża l-akkwakultura; u (iii) il-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar, pereżempju, l-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, ir-reġjuni, is-saħħa pubblika, is-sikurezza alimentari u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti. Dik l-istatistika hija utli wkoll għall-monitoraġġ tal-impatt tas-sajd fuq speċijiet u ħabitats sensittivi, u tal-akkwakultura fuq il-kwalità tal-ilma.

Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, il-bidliet u r-riformi tal-PKS, l-inizjattivi ġodda tal-UE u d-disponibbiltà dejjem akbar ta' sorsi ta' data amministrattivi u oħrajn għall-ġbir tal-istatistika dwar is-sajd għamlu l-qafas legali attwali inqas rilevanti u effettiv biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tad-data. Barra minn hekk, il-bażi legali attwali hija pjuttost inflessibbli u l-kumplessità tagħha tirriżulta f'ammont kbir ta' data dwar l-akkwakultura mmarkata bħala kunfidenzjali u, għalhekk, ma tkunx disponibbli għall-pubbliku. Hemm ukoll trikkib bejn il-flussi tad-data dwar is-sajd mill-Istati Membri tal-UE għal dipartimenti differenti tal-Kummissjoni Ewropea u għal diversi organizzazzjonijiet internazzjonali. Huwa meħtieġ att legali ġdid sabiex jingħelbu dawn l-isfidi.

Għalhekk, din il-proposta għal regolament statistiku ġdid għandha l-għan li ttejjeb ir-rilevanza tal-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura billi tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti b'mod aktar effettiv, filwaqt li żżid il-flessibbiltà. Barra minn hekk, tespandi l-kopertura, tnaqqas il-volum ta' data kunfidenzjali, u tindirizza kwistjonijiet ta' kwalità fid-data tas-sors. Dan jirriżulta f'inqas lakuni, duplikazzjoni tad-data, u diskrepanzi fis-sistemi globali u tal-UE tal-istatistika dwar is-sajd.

Il-Kummissjoni mistennija tadotta proposta għall-qafas legali l-ġdid dwar l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura sal-2025. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

[1] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

mistennija jadottaw ir-Regolament fl-2027, u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jsegwu fl-2028.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Bħala kompetenza esklużiva tal-UE, il-PKS hija soġġetta b'mod inerenti għall-azzjoni tal-UE.

Politika komuni tas-sajd trid tkun ibbażata b'mod inerenti fuq statistika uffiċjali dwar is-sajd u l-akkwakultura Ewropea komparabbli, f'waqtha u ta' kwalità għolja, li tista' tiġi żgurata biss b'azzjoni fil-livell tal-UE. Dan ma jistax jinkiseb mill-Istati Membri li jkunu qed jaġixxu waħedhom, iżda jista' jinkiseb biss b'approċċ komuni u kkoordinat. Il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-istatistika dwar is-sajd u l-akkwakultura tipprovdi qafas madwar l-UE għall-ġbir tad-data u l-forniment ta' statistika dwar is-sajd u l-akkwakultura bl-użu ta' kunċetti u definizzjonijiet li huma armonizzati madwar l-Istati Membri kollha. Dan jimponi standards u metodoloġiji komuni li mhux biss jipproduċu riżultati komparabbli għall-ħtiġijiet ta' ġestjoni u ta' analiżi tal-politiki tal-PKS u ta' politiki oħra tal-UE, iżda wkoll itejbu l-effiċjenza, il-puntwalità u l-affidabbiltà.

L-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura tiġġenera valur miżjud sinifikanti billi tintegra katina komprensiva ta' attivitajiet li: (i) jallinjaw il-ħtiġijiet, id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-utenti; (ii) jikkoordinaw il-kompilazzjoni u t-trażmissjoni tad-data; (iii) jistabbilixxu kriterji ta' kwalità kondiviżi u qafas ta' validazzjoni; u (iv) jissorveljaw il-konformità mal-qafas legali. Dan il-proċess integrat jiżgura li l-istatistika Ewropea dwar is-sajd u l-akkwakultura tkun faċilment disponibbli għal komunità ta' utenti wiesgħa.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-evalwazzjoni tal-2019 dwar l-istatistika tas-sajd enfasizzat il-punti li ġejjin:

1. il-leġiżlazzjoni attwali dwar l-istatistika agrikola ma taqdix b'mod adegwat il-ħtiġijiet ġodda u emerġenti tad-data;

2. il-bażi legali attwali mhijiex flessibbli biżżejjed u ma tirreaġixxix malajr biżżejjed għall-ħtiġijiet emerġenti;

3. ir-rekwiżiti leġiżlattivi attwali għall-akkwakultura huma dettaljati wisq u jirriżultaw f'għadd kbir ta' valuri kunfidenzjali;

4. l-istatistika tista' tiġi prodotta b'mod aktar effiċjenti bl-użu ta' sorsi ta' data amministrattivi Ewropej;

5. hemm diversi flussi ta' data li jikkoinċidu.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Mhux applikabbli minħabba li se jiġi implimentat b'riżorsi diġà eżistenti.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

| |
|---|
| Mhux applikabbli, peress li l-ewwel ġbir tad-data mistenni wara t-tmiem tal-QFP attwali. |

1.6. **Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija mill-2027 sal-2030,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**[2]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐·korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

---

2 Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Regoli standard tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ u r-rapportar.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Sistema standard tal-Eurostat għall-ġestjoni tal-għotjiet.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Sistema standard tal-Eurostat għall-ġestjoni tar-riskju.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Mhux applikabbli.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Il-Kummissjoni ma tiffinanzjax il-produzzjoni regolari tal-istatistika. Fil-każ ta' ġabriet tad-data *ad hoc*, il-Kummissjoni se toħroġ sejħiet għal proposti għal għotjiet.

Minbarra l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kontroll regolatorji kollha, il-Eurostat se japplika strateġija kontra l-frodi f'konformità mal-azzjonijiet ġenerali tal-Kummissjoni kontra l-frodi. Dan se jiżgura li l-approċċ tar-riskju tal-ġestjoni tal-frodi jkun immirat lejn l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' riskju ta' frodi u reazzjonijiet adegwati. Meta meħtieġ, se jiġu stabbiliti għodod speċifiċi tal-IT iddedikati għall-analiżi ta' każijiet ta' frodi.

Il-Eurostat fassal strateġija ta' spezzjoni li takkumpanja l-implimentazzjoni tan-nefqa. Il-miżuri u l-għodod f'din l-istrateġija huma applikabbli bis-sħiħ għar-Regolament propost. It-tnaqqis tal-kumplessità, l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' monitoraġġ kosteffettivi, kif ukoll it-twettiq ta' kontrolli *ex ante* u *ex post* ibbażati fuq ir-riskju se jnaqqsu l-probabbiltà ta' frodi u se jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-frodi. Miżuri speċifiċi ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ rilevanti fil-prevenzjoni tal-frodi huma parti mill-istrateġija ta' spezzjoni.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

L-impatt finanzjarju tal-proposta mhux se jkun magħruf fil-ħin tal-adozzjoni tar-Regolament. Il-kontribuzzjoni tal-UE mhijiex applikabbli għall-ġbir regolari tad-data statistika, iżda għall-ġabriet tad-data *ad hoc* biss, kif speċifikat fl-Artikolu 5 tal-abbozz tar-Regolament. L-ewwel ġbir tad-data *ad hoc* jista' jsir mhux aktar kmieni minn sentejn wara l-ewwel sena ta' referenza, jekk ikun tiġi identifikata data għal għarrieda u sostanzjata kif xieraq. Minħabba dan, mhuwiex possibbli li jiġi identifikat l-impatt finanzjarju.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff[3] | mill-pajjiżi tal-EFTA[4] | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[5] | Minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

3 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
4 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
5 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

#### *3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | |
|---|---|---|

| DĠ: <……> | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| Linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2 a) | | | | | **0,000** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | **0,000** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[6] | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** <…….> | Impenji | =1a+1b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =2 a+2b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |

6 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
